MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 163/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**KEVIN CAMILLERI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kevin Camilleri bin Tony u Carmen nee` Curmi imwieled fit-28 t’ Ottubru 1986 u residenti Nru 31, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 445798 M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-15 ta’ Frar 2004 ghall-habta ta’ l-9:50 p.m. fi Triq San Leonardu limiti ta’ Victoria u fl-inhawi ta’ madwar,

1 saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAL-691 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-

Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita tat-Transport ta' Malta (Art 15 1(A) Kap 65)

2 talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni (Art 3 (1) Kap 104).

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet gentilment mitluba li timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Doctor Carmelo Galea fis-seduta tat-22 t'April 2004;

Fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 3 (1) tal-Kap 104 u l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux tmintax il-sena meta ikkommetta r-reati in kwistjoni u konsegwentement jiskatta l-provvediment 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi mghotija fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' tletin lira Maltin (Lm30).

Inoltre tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------